# Aħbar Tajba

**Il-Magħmudija tal-Mulej** | Il-Ħadd 9 ta' Jannar 2022

Is 40, 1-5.9-11
Salm 103 (104), 1b-2.3-4.24-25.27-28.29-30
Titu 2, 11-14; 3, 4-7
Lq 3, 15-16. 21-22



U mis-sema ġie leħen jgħid:
**"Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."**

Illum, Ħadd wara l-Epifanija, niltaqħu ma' Ġesù li għal darb'oħra jurina li jrid ikun wieħed minna. Kif? Jidħol man-nies, jiltaqa' ma' Ġwanni l-Battista u jagħmel kif in-nies kienu qed jagħmlu – jitgħammdu. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet sinjal li xi ħadd iddispjaċih ta' xi ħaġa li għamel u jrid jibdel ħajtu. Ġesù ma kellux bżonn jitgħammed, imma tant irid ikun ħaġa waħda mal-bnedmin, li niżel fix-xmara biex bħalhom jitgħammed.

B'dan il-qari nispiċċaw Żmien il-Milied. Naħseb li x'uħud minnkom diġà neħħew it-tiżjin tal-Milied u refgħuh f'postu. Imma issa li erfajna l-bambin ma jfissirx li l-istorja ta' Ġesù spiċċat. Il-ġrajja tal-Milied kif ukoll il-Vanġelu tal-lum juruna li Ġesù jrid ikun magħna, dejjem u kullimkien. Imma kif se jkun magħna?

M'hemmx mod wieħed kif Ġesù jkun magħna. Il-qari tal-Kelma ta' Alla hu wieħed minnhom, imma kultant anke permezz tal-ġenituri tagħna u persuni oħra li jridulna l-ġid. Iżda mod speċjali kif Ġesù jkun magħna u joffrilna l-għajnuna tiegħu hu s-sagramenti.

Ejjew niftakru ftit xi jfisser l-ewwel fost is-sagramenti – Il-Magħmudija. L-ewwel nett dan hu s-sagrament li jintroduċina għall-ħajja fil-Knisja. Ħajja li tibda f'din id-dinja imma ma tispiċċax għax tkompli għal dejjem ma' Ġesù fis-sema.

Dan hu s-sagrament li jaqtagħna mill-ħakma tad-dnub u jdaħħalna fi ħbiberija ma' Ġesù, ma' Alla l-Missier u mal-Ispirtu s-Santu.

Jgħaqqadna ma' oħrajn li bħalna jixtiequ jkunu nies tajba, mal-Knisja mwaqqfa minn Ġesù stess.

Ħafna minna rċevejnieh meta konna għadna trabi għax dawk li jieħdu ħsiebna jridulna l-akbar ġid. Iżda hemm oħrajn li jirċevuh aktar tard f'ħajjithom meta jikbru.

Fil-magħmudija jintużaw ħafna sinjali li jekk nifhmuhom nagħrfu aħjar dan is-sagrament. Jintuża l-ilma għax bħall-ilma jnaddafna u jeqred id-dnub. L-ilma jagħti l-ħajja għax mingħajr ilma kollox imut ; hekk bil-magħmudija se nkunu ħajjin għal dejjem ma' Ġesù. Id-dawl tal-blandun ifakkarna li Ġesù hu d-dawl tal-ħajja tagħna biex jurina kif nimxu l-ħajja Nisranija.

Nilbsu l-abjad biex niftakru fil-ħajja ġdida li tana Kristu Rxoxt.

Dan is-sagrament kien il-bidu tal-vjaġġ tagħna li bil-għajnuna tas-Sinjur Alla se jwassalna fid-dar proprja tagħna – s-Saltna tas-Sema.

## Sib il-Kelma

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | Ċ | S | GĦ | A | X | Q | A | M | S |
| M | A | GĦ | M | U | D | I | J | E | P |
| V | Ġ | W | A | N | N | I | N | N | I |
| T | H | I | IE | N | Ċ | L | N | I | R |
| N | E | D | R | P | A | M | N | L | T |
| G | GĦ | A | Ż | I | Ż | A | A | E | U |
| A | M | I | A | T | E | M | A | Ħ | S |
| S | Ħ | A | M | IE | M | A | A | E | A |
| M | A | GĦ | M | L | Ù | D | A | N | N |
| I | B | N | I | M | A | D | A | I | T |
| R | Ħ | I | A | A | V | A | N | P | U |



**Fittex dan il-kliem marbut mal-ġrajja li qed niċċelebraw illum:**

**ĠWANNI, ILMA, SPIRTU, SANTU, ĦAMIEMA, LEĦEN, IBNI, GĦAŻIŻ, GĦAXQA, MAGĦMUDIJA.**



## Is-Sagramenti

Kultant nieħdu l-impressjoni li s-sagramenti huma okkażjonijiet li jiġu f'ħajjitna imma li qishom jgħaddu. Qishom mumenti sbieħ. Ma nistgħux inkunu aktar żbaljati. Qabel ma' Ġesù tela' s-sema, lill-appostli tahom biċċa xogħol kbira, li jkomplu dak li kien beda hu. Imma ma jiqafx hemm, tafux.



Ġesù jagħmel ukoll wegħda li jkun dejjem hemm għalihom, u llum din l-istess wegħda qed jagħmilha lilna. Is-sagramenti huma waħda mit-toroq li Ġesù jagħżel biex ikun magħna. Fis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof jagħtina l-Ispirtu s-Santu biex imexxina fit-triq it-tajba. Fil-Qrar jaċċetta l-indiema tagħna u jeħlisna mill-qawwa tad-dnub, filwaqt li fl-Ewkaristija jagħtina saħansitra lilu nnifsu.

Dawn huma s-sagramenti li ħafna minnha ġa rċevejna. Iżda hemm tliet sagramenti oħra. Iż-Żwieġ huwa l-għajnuna u l-barka li Alla jagħti lil tnejn li jinħabbu u jkunu jixtiequ jibdew familja flimkien.

L-Ordni Sagri hu l-għajnuna li jagħti lil min jixtieq ikun ministru tiegħu, filwaqt li fl-aħħar nett insibu l-Griżma tal-Morda li hi għajnuna speċjali għal dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli ta' mard f'ħajjithom. Hekk Ġesú dejjem ikompli jżomm kelmtu li jiġri x'jiġri qiegħed dejjem magħna.

### Din il-Ġimgħa...

**Hemm xi ħadd fil-klassi li qed tinnota li qed ikun waħdu? Jew forsi s-soltu jkun qed jilgħab u issa ħafna drabi qed ikun maqtugħ għalih? Ipprova għinu billi l-ewwel nett ma tħallihx waħdu. Mur ħdejh u pprova ara x'għandu bżonn. Forsi tista' tistiednu jilgħab miegħek u sħabek jew inkella oqgħod ħdejh u kun lest li tisimgħu.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

**Aħbar Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION